# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Marzu, 2002 .

### Avviz numru : 23/2000G2(PC)

**Dominic Department Stores Limited .**

**Vs**

**John u Mary konjugi Tabone .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhomx jigu kkundannati minn din il-Qorti jhallsu s-somma ta' erba' mija u disgha u hamsin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm459.50) bilanc dovut minnhom, rapprezentanti hlas ghal xiri minn Maria Tabone ta' fridge, geyser, laundry basket u zewg imhaded minghand is-socjeta' attrici .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 9 ta' Dicembru, 1999 u tal-ittra ufficjali spedita fi Frar 2000 u bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' April, 1998 sad-data tal-hlas relattiv .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenuti li ggib id-data tad-29 ta' Marzu, tas-sena elfejn .**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici tal-lum stess, illi biha t-talba giet ridotta ghas-somma ta' tlett mija u dsatax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm319.50c), stante pagamenti fil-mori tal-kawza .**

**Il-Qorti, billi ma ssib ebda raguni ghaliex ma ghandhiex tilqa' t-talba attrici, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta, u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u dsatax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm319.50c), dovuti bhala bilanc ghal hlas ta' xiri minn Maria Tabone, il-konvenuta, ta' oggetti ndikati fl-istess avviz .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-9 ta' Dicembru, 1999, u tal-ittra ufficjali spedita fi Frar 2000, u bl-imghaxijiet legali b'effett mit-23 ta' April, 1998 sad-data tal-hlas relattiv, kollox kontra l-konvenuti .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

S2300G2(PC)
263